MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 218/2002/1

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga' Guardian Royal Exchange , PLC**
**u b'digriet tal-4 ta' Gunju 2004 is-socjeta Atlas Insurance Limited assumiet l-atti**

**Vs**

**Anthony Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici nomine et s-somma komplessiva ta' Lm3613 (tlett elef mija u tlettax-lira Maltin) danni mhallsin mill-attur nomine fuq vettura CBF 301 assikurata comprehensive hlief ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) excess u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Andrew Agius u dan b'rizultat ta' habta li grat fl-10 ta' Settembru 2001

gol-Mosta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura TFD 214 habat mal-vettura CBF 301 proprieta' ta' Andrew Agius u misjuqa minn Frances Agius u ghal liema incident il-konvenut unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru 2001 u 29 ta' Novembru 2001 u bl-imghax tat-8% fuq Lm3613 mis-16 ta' Ottubru 2001 sal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz kontra Citadel Insurance p.l.c. rikjesta mill-ligi, assiguraturi tal-konvenut Anthony Farrugia u Lm10 konsult kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 tal-atti u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjent ma jahti bl-ebda mod ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ma huwiex responsabbli ghal ebda danni fil-konfront tal-atturi.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost id-danni reklamati huma kontestati;
3. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-<u>lokalita'</u> tal-incident, dan gara fit-triq li mir-'roundabout' ta' San Pawl tat-Targa, fin-naha ta' fuq tat-Telgha ta' Alla u Ommu, twasslek sa fejn il-Pont gja maghruf bhala dak tal-Hadid fil-limiti tal-Mosta (ara l-<u>iskizz</u> maghmul u esebit minn PS 1133 Joseph Borg a fol 15 u fol 31 tal-atti kif ukoll il-pjanta tal-istess lokalita a fol 52 ibid).

Fuq l-istess skizz hemm murija l-vettura misjuqa a) mill-attur <u>wahedha</u> u dan minhabba r-raguni li ser tinghad aktar l-isfel b) marka ta' '<u>brake</u> u ta' '<u>tyre</u>' twal rispettivament, 6.5 metri u 3.30 metri li jwasslu sa fejn

hemm markat ‘soil’ ossija hamrija li tidher disturbata u mifruxa fuq it-triq c) triq bl-isem ta’ Dawret il-Wied fuq in-naha ta’ fuq tal-istess triq u ‘parallela ghaliha’ b’harga wiesa’ 14.50 il-metru li minnha tohrog ghat-triq principali d) Jigi notat fil-vicinanzi immedjati tal-vettura misjuqa mill-attur frammenti ta’ hgieg, provenjenti mill-istess vettura kif ukoll ‘oil staines’.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi Ufficjal tal-Pulizija fix-xhieda tieghu (fol 13 u 42 et seq ibid) semma li fuq l-iskizz tidher biss il-vettura misjuqa mill-attur minhabba li dik misjuqa mill-konvenut ‘… kienet tnehhiet mill-post tal-incident u filfatt sibtha pparkjata’. Ix-xhud kompla jghid illi fl-incident in esami, il-vettura misjuqa mill-konvenut ma kienetx laqtet, u habtet ma’ dik misjuqa mill-attur u dwar dan ix-xhud semma’ li dik misjuqa mill-konvenut ma kellha ebda evidenza ta’ daqqa. Dwar l-istess triq principali, hu semma’ li din ‘… ma tantx tista’ tghidilha li hi dritta’ u ‘Ma nistax nghid jekk hemmx vizwali tajba ghal sewwieq hiereg minn Dawret il-Wied mill-harga hemm fuq imsemmija.

Illi mir-rapport esebit mill-istess Ufficjal tal-Pulizija (fol 17 ibid) jidher li l-attur kien stqarr max-xhud illi waqt li kien qed jsuq lejn il-Mosta u kien wasal “… fil-fetha (ossija harga gja msemmija) …. harget karrozza mill-istess fetha”. Biex jevitha, hu stqarr li kien ghafas il-‘brake’ izda il-‘van’ misjuq minnu ‘… gibidli lejn ix-xellug, laqat is-‘side strip’, inqaleb u rega’, gie f’postu …..’ Daparti tal-konvenut, dan stqarr li kif wasal fit-tarf tal-istess fetha, hu kien waqaf sabiex jesplora t-triq ‘…. u kif rajt li stajt nohrog hrigt bil-mod’ fejn in-naha l-ohra tat-triq principali sabiex jdur fid-direzzjoni ta’ San Pawl tat-Targa. Meta kien ‘kwazi dort, kien gie il-‘van’ misjuq mill-attur mill-istess direzzjoni u wara li zamm ‘brake’, dahal fl-imsemmija ‘side strip’, habat ma din, inqaleb u reggha’ gie fuq l-erba’ roti, minghajr ma ntlaqtet il-vettura tal-istess konvenut.

Ikkunsidrat

Illi meta xehed Francis Agius, l-attur, (fol 20 et seq ibid), dan sostanzjalment, ikkonferma dak li kien stqarr u kif hemm fuq sintetizzat. Hu kompla jispecifika illi l-incident gara meta hu kien qed jsuq b'velocita' ta' madwar erbghin (40) mil fis-siegha, u kif kien wasal 'vicin' l-imsemmija harga ossija fetha. Dwar dan hu testwalment qal '…. din (il-karozza misjuqa mill-konvenut) kienet il-boghod minni tul ta' madwar karozza/karozza u nofs meta kien raha ghall-ewwel darba. Inoltre, hawnhekk il-vettura l-ohra '… kienet diga f'nofs it-triq fuq in-naha tieghi' (ara ukoll, ix-xhieda ta' Sandra Palmier a fol 22 u fol 23 ibid). Meta gie riprodott, l-attur cahad, b'mod kategoriku illi kien qed jsuq b'volocita eccessiva.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut meta xehed (fol 49 et seq ibid) ukoll ikkonferma, fis-sustanzja, dak li kien stqarr. Pero hu issottolinea illi meta kien ra, ghall-ewwel darba, l-vettura l-ohra wara li hareg mill-imsemmija fetha, hu, l-attur, kien di gja fuq in-naha l-ohra tat-triq '… xi ftit angolat'. Ta minn isemmi ukoll illi l-konvenut xehed illi, wara li kienu skadew ghoxrin minuta mill-incident u l-Pulizija ghadhom ma kienux waslu fuq il-post, hu 'peress li jiena kont mghaggel' ghar-raguni indikata fl-istess xhieda 'hu kien telaq minn fuq il-post sabiex jaghmel telefonata lill-martu mid-dar tieghu u kien rega gie lura fuq il-post. Fl-ahhar nett, hu accenna illi ' … nimmagina li l-iehor kien ghaddej mhux hazin 'fattur li ma jinsabx imnizzel fil-versjoni tal-fatti moghtija minni fuq il-post tal-incident' u in rigward il-vizwali mill-fetha msemmija, fuq il-lemin tieghu, din kienet twassal sa tul ta' madwar hames (sitt karozzi peress li hemm tinsab kurva fit-triq principali, li hi 'naqra sharp').

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi ma jidhirx li l-konvenut kien ikkontesta l-iskizz, maghmul mill-Ufficjal tal-Pulizija li kien gie fuq il-post tal-incident. Mill-istess skizz jigi notat li ma nsabitx xi evidenza illi l-attur kien qed jsuq b'mod eccessiv, kif allega il-konvenut fix-xhieda teighu izda mhux fuq il-post tal-incident. Inoltre jidher ukoll li hu

minnu illi l-attur beda jaghfas il-‘brakes’ tieghu, meta kien ftit ta’ distanza l-boghod mill-imsemmija fetha. Dan kollu jindika illi meta l-konvenut hareg u saq il-barra mill-istess fetha, ma esplorax sufficjentement u b’mod prudenti, it-triq principali u bhala konsegwenza kien ikkrea ‘a sudden emergency’ lill-attur li kien kostrett jaghmel dak li ghamel, bhala ‘evasive action’, bil-konsegwenzi kollha kif deskritti. Hawnhekk il-Qorti tissottolinea illi jidher li l-konvenut kien mghaggel sabiex jigbor lil martu mill-Belt Valletta. Inoltre, l-vizwali fuq il-lemin tieghu ma kienetx wahda ideali u ghalhekk kien imissu johrog mill-fetha b’aktar attenzjoni u prudenza.

Illi, ghalhekk, ir-responsabbilta’ ta’ dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-konvenut, kollha kemm hi.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-‘quantum’ ta’ danni mitlub, ma ingiebet ebda prova in kontestazzjoni tal-istess ammont. Inoltre ssir referenza ghad-dokument a fol 32 tal-atti, mmarkat ‘B’, minn fejn jidher li l-vettura appartenenti u uzata mill-attur spiccat, bhala konsegwenza tal-istess incident, bhala ‘beyond economical repair’ aventi biss valur ta’ ‘wreck’ ammontanti ghal Lm350. Inoltre l-attur kien gie risarcit l-ammont kollu kif jidher a fol 33 ibid, mid-dokument markat ‘C’. Ghalhekk l-ammont komplessiv pretiz fl-avviz hu gustifikat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u :

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;
2. tillikwida l-ammont komplessiv ta’ danni fis-somma ta’ Lm3613, u
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ Lm3588 u lill-attur is-somma ta’ Lm25 bl-imghax legali mis-16 ta’ Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittri ufficjali tas-16 ta’ Ottubru 2001, tad-29 ta’ Novembru 2001 u tat-3 ta’ April 2002, msemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------